

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kumpaniji privati b'responsabbiltà limitata b'membri uniku

(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinsab bil-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq il-websajt tal-KEPD <http://www.edps.europa.eu>)

(2014/C 390/02)

1. Introduzzjoni

1.1. Konsultazzjoni tal-KEPD

1. Fid-9 ta' April 2014, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kumpaniji privati b'responsabbiltà b'membri uniku ("il-Proposta")⁽¹⁾. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni baġtet il-Proposta lill-KEPD għall-konsultazzjoni.

1.2. Objettiv u kamp ta' applikazzjoni tal-Proposta

2. L-objettiv ġenerali tal-Proposta hu li "tagħmilha iktar faċli għal kwalunkwe fundatur ta' kumpanija potenzjali, u b'mod partikolari għall-SMEs, sabiex iwaqqaf kumpaniji barra minn pajjiżu". Għal dan il-għan, il-Proposta timmira li "l-kundizzjonijiet għat-twaqqif u l-operat ta' kumpaniji b'responsabbiltà limitata b'membri uniku jkunu armonizzati". Il-Proposta tippovdi għall-"possibbiltà ta' reġistrazzjoni onlajn, bil-mudell standard tal-artikoli ta' assoċjazzjoni, rekwiżit kapitali minimu ta' EUR 1, akkumpanjati minn test tal-karta tal-bilanċ u dikjarazzjoni ta' solvenza." Sabiex tgħin fl-iżgurar tat-trasparenza, teħtieġ ukoll l-iżvelar ta' ċerta informazzjoni dwar il-kumpanija b'membri uniku f'reġistru aċċessibbli għall-pubbliku⁽²⁾.

3. Konklużjonijiet

- Nilqgħu il-konsultazzjoni tal-KEPD dwar din il-Proposta u l-fatt li l-Proposta tillimita l-ġbir tad-data dwar l-iskwalifiki attwalment fis-seħħ, u li tispeċifika li l-iskambji tal-informazzjoni jistgħu jsiru skont is-sistema IMI.
- F'din l-Opinjoni nirrakkomandaw it-titjib ulterjuri li ġej:
 - Dispożizzjoni sostantiva, jew għall-inqas premissa, għandha tiġi miżjuda biex tirreferi għal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data, inkluża l-"liġi nazzjonali li timplimenta d-Direttiva 95/46/KE".
 - Il-preambolu għandu jirreferi għall-fatt li l-KEPD ġie kkonsultat.
 - Il-Proposta għandha tkun iktar espliċita fir-rigward ta' liema data personali tista' tiġi skambjata permezz tal-IMI, inkluż jekk tistax tinġabar informazzjoni addizzjonali fir-rigward tal-iskwalifiki.
 - Il-Proposta, f'dispożizzjoni sostantiva, għandha tispeċifika b'mod aktar ċar id-dokumenti li għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku, soġġetti għal valutazzjoni bir-reqqa tal-proporzjonalità, u għandha wkoll tispeċifika li kwalunkwe pubblikazzjoni se tkun soġġetta għal salvagwardji tal-protezzjoni tad-data skont il-liġi nazzjonali.
 - Barra minn hekk, il-Proposta għandha tispeċifika li d-data personali magħmula disponibbli għall-pubbliku skont il-Proposta tista' tintuża għal skopijiet ta' trasparenza u responsabbiltà u ma għandhiex tintuża għal skopijiet inkompatibbli.

⁽¹⁾ COM(2014) 212 finali.

⁽²⁾ Memorandum ta' Spjegazzjoni, Taqsimiet 1, 2 u 3.

-
- Fl-aħħar nett, il-Proposta għandha teħtieġ ukoll li r-reġistri/kumpaniji jiżguraw li l-miżuri tekniċi u organizzattivi jiġu implimentati biex jillimitaw l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni rigward l-individwi (bħal membri uniċi jew rappreżentanti tal-kumpanija) wara ċertu perjodu ta' żmien.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2014.

Giovanni BUTTARELLI

Assistant għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data
